MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 26 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 09 ta' Awwissu 2011 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Frederick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | SKuzata |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

26.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 25 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korezzjoni.

2561.1 PS informa lil Kunsill li kien ircieva ittra bil-miktub biex CS tigi skuzata milli t'attendi din il-laqgha minhabba li kienet indisposta. Din giet accettata.

26.2 Arrising Out

26.2.1 It-twapet fil-Playing field gew mwahhla

26.2.2. Ma kellniex ebda reazzjoni jew twegiba minghand it-Transport Malta dwar il-litter bins u it-tabelli tal-Bus Stops il-godda

26.3 Korrispondenza batch 36 u 37

26.3.1 Konna ircevejna talba sabiex isir gemellagg mal-Komune ta' Santa Cosima e Damiano fl-Italia. Minhabb li konna fil-process ta' gemellagg ma Cellere qbilna li dan il-gemellag jithalla ghal sena ohra.

26.3.2 Kellna quotations dwar Djari ghall-2012. Qbilna li din is-sena ma nghamlux Djarji izda insibu mezzi ohra kif naghtu rigal lir-residenti.

26.3.3 Ircevejna memo mid-DGL dwar skema ta' ghajnuna Finanzjarja progetti f'lokalitajiet zghir . Qbilna li nissottomettu il-progett tat-Tinda tal-Karozzini.

26.3.4 Ircevejna l-proposta dwar tabelli bir-riklami biex jitwahhlu mal-Playing field. Minhabba li l-offerta ma kienitx wahda vantaggjuza qbilna li ma naccettawx il-proposta

26.3.5 Ircevejna stedina sabiex nidhlu membri tal- grupp Intelegent Cities. Kellna nigbru aktar informazzjoni.

26.3.6 Kien kitbilna ghal darba ohra is-Sur Camilleri mil-MalaPost dwar Mobile Kiosk li jixtiequ jaghmlu fl-Imdina. Il-Kunsill qabel li jaghti permess li dan jkun jista jieqaf fi pjazza tal-Arcisqof.

.

26.3.7 Kellna korrispondenza dwar possibilta li jinzamm kuncert bil-pjanu f'wahda mill-pjazzez tal-Imdina. Minhabba li kien hemm wisq attivitajiet qbilna li ma naghtux permess.

.

26.3.8 Konna ircevejna mill-DGL talba biex nikkumentaw fuq ir-rapport tal-Awditur Generali dwar ir-rapport finanzjarju tal 2009. PS ipprezenta abbozz ta' risposta li kienet approvata.

26.3.9 Konna ircevejna talba minghand il-Convenent of Mayors sabiex isir xi aggornament fir-rapport SEAP. FA kien ser jaghmel l-aggornament tar-rapport mehtiega.

26.3.10 Kellna korrespondenza minghand Dr Joseph Camilleri , Avukat, ghan-nom tal-klijenti tieghu Stefan Vassallo u Shaun Buhagiar , sidien tal-Istabilimenti tax-Xorb fl-Imdina. Huma kienu qed jikkumentaw dwar l-attivitajiet tal- Medieval Festival. Kien hemm qbil li nirribattu l-argumenti kif ukoll li fil-futur issir aktar konsultazzjoni qabel.

26.3.11 Kellna ittra ta' ringrazzjament mid-diretturi tal-Melita Trains wara il-laqgha li kelna dwar it-tabelli fil-gnien Howard.

26.3.12 Kellna stedina mil-Comune ta' Cellere sabiex nibghatu delegazzjoni ghal-Manifestazzjoni li ser issir f'Settembru. Waqt din iz-zjara kellna ukoll niffirmaw ftehim ta' Amiizia ( Patto d'Amizia) . Qbilna li d-delegazzjoni tkun maghmula min PSM, JD, FA u PS . CS u JA kellhom jikkonfermaw aktar tard.

26.3.13 Kellna korrespondenza minghand Media Temple dwar it-tigdied tal-Web Page tal-Kunsill. Qbilna li ngeddu.

26.3.14 Talba sabiex niehdu sehem fil-Club Intercity, dwar l-olimpjadi li ser jsiru f'Londra. Qbilna li ma nissiehbux.

26.3.15 Talba sabiex nidhlu partners fi Progett tal-Kultural ma partners ohra mil-Ewropa. Qbilna li nesprimu l-interess taghna.

26.3.16 Ittra ta' ringrazzjament minghand l-Ambaxxata Amerikana f'Malta wara li lqajna fostna delegazzjoni Amerikana f'Lulju.

26.3.17 Kellna talba sabiex jitpoggew xi xemghat fi Triq San Pawl waqt tieg. Il-Kunsill qabel li jaghti permess izda trid tithallas depositu ta' €200.

26.3.18 Ittra minghand Karl Borg Events ghan-nom tal- Valletta Grand Prix Foundation dwar il-Grand Prix li xtaqu jorganizza fil-limiti tal-Mdina ,ezattament l-inhawi ta' Ghajn Hammam u l-istazzjon tal-Ferriovija. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li jaghti il-permess tieghu b'kindizzjonijiet li ghandhom jigu miftiehma qabel.

26.3.19 Kellna stedina sabiex nattendu laqgha f'Ghawdex dwar Symposium li ser isir Lucca dwar Walled Cities.

26.3.20 Korrespondenza minghand AKL dawr swieq Publici. Il-Kunsill ma kienx interessat.

26.3.21 Kellna talba minghand is-Sur George Scerri dwar talba sabiex il-mara tieghu t'accessa l-Imdina bil-Vettur taghha.Qbilna li naghtuh permezz ghal-access biss.

26.4 Kuncert Banda AFM

26.4.1 Kien ghad ma ghandniex risposta minghand l-AFM . Kellna ninsistu li jkollna risposta

26.5 BBQ

26.5.1 Kollox kien lest ghalBBQ. Kien sari l-ftehiem ma CaterMax dwar il-Menu il-Prezz ta'€24.50.

26.5.2 Qbilna ukoll li nitolbu Lil Adrean Muscat sabiex izied id-dawl fi pjazza Mesquita ghal BBQ . PSM kien ser joffri il-Premises tieghu ( Mdina Experience) bix jintuzaw it-Toilets kif ukoll l-istaff jkun jista jbiddel waqt is-serata.

26.6 Festivals u Events

26.6.1 Saret diskussjoni dwar il-Festival Medjevali ghas-sena 2012. Minhabba restrizzjonijiet Finanzjarji l-Kunsill ikkonsidra diversi opzjonijiet fosthom li ma jsirx Festival, dak li jsir festival b'tema differenti, kif ukoll li jibda jsir festival kull sentejn etc. Fl-ahhar kien hemm qbil li jsir Festival b'budget ridott ghal dak li jingabar mil-iskema tad-dipartiment.

26.6.2 Dwar Events ohra saret diskussjoni fuq Events bhal Kuncert tal-Milied, Kuncerti ohra matul is-sena u ohrajn. Ma ittiehdietx l-ebda decizzjoni fuq dan.

26.7 Skema ta' Finanzjament ghal titjieb fil-Playing Field

26.7.1 Id-dipartiment tal-Gvern Lokali hareg skema sabiex jiffinanzja progetti ta' titjieb fil-Playing Fields. Kien hemm qbil sabiex napplikaw ghat-twahhil ta' Safety Barriers madwar il-Playing |Field ta' Howard Gardens.

. 26.8 Affarijiet ohra

26.8.1 Kien hemm qbil sabiex inqabdu lil Carmelo Gauci sabiex jaghmel xi xoghol fuq il-fili tal-madum tal-Art fit-toroq tal-Imdina.

.

26.8.2 Kien hemm qbil sabiex It-Toolrooom li hemm f'Howard Gardens tinghata b'self lil Mdina Knights FC sabiex tintuza minhom , filwaqt li l-Kamra ta' fejn il-mina tal-Griegi tinghata lura lillna sabiex nuzawa ghal esebizzjoni.

26.8.3 PSM ta' rendikont dwar laqgha li kellhu mar-restoration Unit tsl-MRRA . Huwa qal li imminanti ser jibda x-xoghol ta' restawr fuq l-imhazen ta' Triq Magazini u ghal dan l-iskop kienet saret laqgha ma l-inkwilini taz-zona.

26.8.4 Kien hemm qbil li jinghata rikonoxximent lil Ex Sindku Gorg Attard ghas-servizz tieghu meta serva bhala Sindku. Il-forma ta-rikonoxximent kellha tigi stabilita aktar tard

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |